# Rakkomandazzjonijiet mill-Malta Union of Teachers wara l-preżentazzjoni tar-riċerka relatata mal-Istudji Internazzjonali TIMSS, PIRLS u PISA

*It-Tlieta, 20 ta' Novembru 2018*

- Dan l-istudju kkummisjonat mill-MUT huwa studju inizzjali u għaldaqstant huwa mistenni li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u d-Direttorati rispettivi jkomplu jibnu fuqu;

- L-MUT tipproponi t-twaqqif ta' grupp ta' ħidma sabiex dan jevalwa r-riżultati u jipproponi t-triq 'il quddiem;

- Fl-opinjoni tal-MUT għandha tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-pajjiż għandux jibqa' jipparteċipa fl-istudji u jekk iva f'liema l-pajjiż għandu jibqa' jipparteċipa;

- Għandu jkun hemm diskussjoni dwar il-lingwa użata fit-testijiet minħabba li din qed taffettwa r-riżultati;

- L-MUT tisħaq li għandna nħarsu lejn il-mentalità sabiex niffukaw inqas fuq kontenut vast u iżjed fuq ħiliet ta' problem-solving;

- Il-Union tisħaq ukoll li għandna nħarsu bis-serjetà lejn il-preparazzjoni ta' kull min hu involut f'dawn it-testijiet u mhux ta' dawk li jamministraw it-testijiet biss;

- Bħala pajjiż għandna wkoll inkomplu nħarsu lejn ir-relevanza tat-testijiet mas-sillabi rispettivi u kif dawn jistgħu jkunu aktar allinjati ma' dawn it-testijiet internazzjonali;

- Fl-opinjoni tal-MUT, il-Ministeru għandu jħares ukoll lejn il-sitwazzjoni fejn ħafna studenti jista' jkun li qed jikkunsidraw dawn it-testijiet bħala żejda jew irrilevanti;

- Apparti dan, wieħed għandu jħares ukoll lejn il-perijodu meta qed isiru dawn it-testijiet għaliex dan qed jaffettwa kemm l-interess u anki r-riżultati;

- Fl-aħħar nett, bħala pajjiż għandna nerġgħu inħarsu lejn it-tagħlim tax-xjenza speċjalment fil-Primarja u kif dan jista' jkun iktar effettiv b'riżorsi aktar adekwati.

**MALTA UNION OF TEACHERS** • 759, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, ĦMR1016, Malta
**Telephone**: +356 2123 7815, +356 2122 2663 • **Email**: info@mut.org.mt
**MUT.ORG.MT**